# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Deċiżjoni numru 3042

Każ numru 3384/JHP

Charles Cilia
ID No (23362(M)
U
Air Malta PLC

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum 13 ta' Jannar 2025**

**(1) Ir-riferenza tal-każ:**

Dan il-każ reġa' ġie riferut lit- Tribunal Industrijali mill- Qorti ta' l-Appell wara deċiżjoni li ngħatat mil-istess Qorti, fid-29 ta' Mejju 2024.

Il-Qorti ta l-Appell (sede inferjuri) fid-deċiżjoni tagħha qed tordna lit-Tribunal, sabiex jispjega l-motivazzjoni tiegħu kemm fir-rigward ta' kif huwa wasal sabiex iddeċieda li l-appellat tkeċċa mingħajr kawża ġusta, u anki dwar kif huwa l-likwida l-kumpens ta' 25,000 elf euro pagabbli mis-soċjetà appellat, wara li jieħu konsiderazzjoni ta' dak kollu li qalet din il- Qorti f'din is-sentenza, u josserva wkoll dak li jgħid l-artikolu 81(2) tal Kap 452.

**Motivazzjoni tad-decizzjoni tat-Tribunal:**
It-Tribunal Industrijali kien fassal il-ħsibijiet, sabiex jasal għad-deċiżjoni primarja tiegħu, fuq sensiela ta' punti kif riferiti minn (a) sa (l) (pag 6 Decizzjoni2909).

Il-motivazzjoni proprja li inċita id-deċiżjoni ta' tkeċċija nġusta isawwret fuq il-fatti li għadda minnhom ir-rikorrent matul il-karriera lavorattiva tiegħu mas-soċjetà intimata, sal-perjodu ta' meta is-soċjetà bdiet bil-proċess ta' ristrutturar. Ir-riżultat ta' dan ir-ristrutturar kien, li għall aktar minn darba bejn it-2006 u 2012, kienu mijiet ta' nies li spiċċaw minn mas-soċjetà, u li dawn ingħataw l-opportunita

għall skemi ta' irtirar kmieni/volontarji li kien issarrfu f'ammont finanzjarji konsiderevoli ikkalkulati mall-grad li kellhom u it-tul taż-żmien li kull impjegat/a kien ħadmu mall-kumpanija.
It-Tribunal ikkonferma li dawn l-iskemi kienu progettati u offruti lill kull impjegat tas-soċjetà intimata, wara l-pubblikazzjoni ta' applikazzjoni maqbula anke mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, iżda bil-preogattiva li is-soċjetà tgħazel hi li minn ser taċċetta li jibqa' jaħdem magħha, u jekk jinżamm fl-impieg ma jkunx jista' jipparteċipa fl-ebda waħda mill-iskemi offruti.
Fil-każ tar-rikorrent kien wera ix-xewqa tiegħu li japplika għall wahda minn dawn l-iskemi meta kien għadu fil grad maniġerjali, iżda kif indikat mix-xhieda tar-rikorrent, is-superjuri kienu użaw il-prerogattiva tagħhom li ma ħallewhx japplika . Kienet is-soċjetà intimata bit-team tar-ristrutturar, imqabbad minnha, li tagħżel lill  min għandu  jiġi aċċettat f'xi skema u dawk li kellhom jibqgħu fl-impieg. Ir-Rikorrenti mhux tali ma nżammx fl-impieg iżda kien ingħata rwol ġdid b'doveri addizzjonali fil-kuntest tar-ristrutturar.

Wara it-2012 it-team maniġerjali li baqa' immexxi ir-ristrutturar inbidel u iddeċieda li jġib ir-rikorrenti redundant. Għaldaqstant ġie milqut minn nuqqas sostanzjali ta' doveri li kienu fil-mansjoni tal-grad li kellu, li essenzjalment kien wiehed uniku u speċifiku. Dan wassal lill minn kien qieghed imexxi ir-ristrutturar li jaghmel dik li tissejjah **"Abolition of post".**

It-Tribunal Industrijali meta ra u fehem li minn dawn l-eżerċizzji ripetuti il-ħaddiema tas-soċjetà intimata, fil-generalita tagħhom, iggwadanjaw konsiderevolment minn xi iskema ta' rtirar kemm dawk volontarji (VRS) jew ta' qabel iż-żmien ta' rtirar (ERS), ir-rikorrent nġieb f'pożizzjoni ta' sfortuna li wara ir-rwol il-ġdid, li kien ingħata,  ġie deċiż  li issa il-post tiegħu għandhu ikun redundant. Ir-rikorrenti  l-anqas ma setgħet tiġi applikata fuqu, il-proċedura tal-LIFO (last in first out).
Minn naħa l-oħra is-soċjetà intimata kienet taf ir-rikorrent xi jsarraf,  u għaldaqstant il-prassi fir-*redundancy* hi, li is-soċjetà tkun obbligata, li wara li tara kemm  il-kwalifiki kif ukoll l-esperjenza tar-rikorrenti, tara tistax toffrilu post fi grad ieħor anke jekk b'salarju imnaqqas, jew ukoll taghtih dak li inghataw impjegati ohra bhalu. Dan is-socjeta ma ghamlithux.
Għaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jaċċetta ir-ragonevolezza tas-soċjetà kif aġixxiet fi żminijiet negattivi ta' terminazzjonijiet ta' impiegi minħabba is-sitwazzjoni ħażina li kienet ilha tipperpetwa is-soċjetà intimata, iżda, ma jistax jippermetti li soċjetà pubblika tinjora prassi li suppost jintużaw kemm f'azjendi privati kif ukoll dawk pubbliċi f'eżerċizzju ta' *redundancy*. Kieku it-Tribunal jaċetta prattiċi bħal dawn isiru, ikun qiegħed joħloq hu stess is-seħħ ta' ingustizzja. Ghalhekk itenni li filwaqt li jifhem lid-deċiżjoni ta' tkeċċija saret fil kuntest ta' ristrutturar, u hemmhekk jidħol l-istat tar-ragonevolezza (reasonable decision),  xorta dik id-deċiżjoni hija mitqiesa nġusta u mhux skond il-liġi.  (reasonable but unjust dismissal)

**Motivazzjoni ghall ammonttal kumpens mghoti:**

***"It-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-artiklu 81(2) tal Kap 452 fejn issir riferenza sabiex jigu mitqiesa id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkustanzi ohra___________Li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-haddiem.".***

It Tribunal Industrijali fir-rigward ta' l-ammont tal-kumpens mexa fuq il-kriterji kif imnizzla hawn taht.

(a) Hmistax il-elf euro 15,000 bhal kumpens baziku ghat tkeccija ingusta.
(b) Għaxart elef euro 10,000 għall danni reali, wara li ittieħdet in kunsiderazzjoni li ir-rikorrenti sab impieg fil-livell maniġerjali paragunabbli b'salarji relattivament adegwat. ( Dok.Job's.Plus)

Ma kienx possibbli li it-Tribunal jaghti din l-spjegazzjoni fiz-zmien aqsar, minhabba cirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'ghandux kontroll fuqhom.

B'hekk il-każ jiġi magħluq

(iffirmat)

**James Pearsall**

**Chairman** **Vera Kopja**

**Graziella Borg**

**Għas- Segretarju**